MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Numru 25/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
Emanuel Bonnici

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 25 tas-sena 2003, kontra l-akkuzat Emanuel Bonnici, li bih huwa gie akkuzat talli :

**Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi Emanuel Bonnici kellu argument fuq ghalqa fil-Qarbuni, limiti ta' San Pawl il-Bahar, fit-tlieta w ghoxrin (23) ta' Settembru, elfejn u wiehed (2001), ghall-habta tas-seba w nofs (7.30) pm., meta f'mument minnhom hu saq gaffa kbira ghal fuq Angelo u Joseph Camilleri bil-hsieb li joqtol lill-istess Angelo u Joseph Camilleri jew li jqieghed il-hajja taghhom**

**f'periklu car. Illi b'xorti tajba huma rrnexxielhom jisgiccawlu qabel ma seta joqtolhom.**

**Illi b' eghmilu l-imsemmi Emanuel Bonnici sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.**

**Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Emanuel Bonnici hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.**

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

Rat in-Nota tal-akkuzat tal-5 ta' Novembru, 2003, li biha hu informa lil din il-Qorti illi a tenur tal-Artikolu 436 (6) tal-Kodici Kriminali, hu kien qieghed jaghzel li guri ma jigix maghzul ghall-kawza fl-ismijiet premessi u kwindi l-istess imsemmi kaz ghandu jigi mismugh u deciz minghajr il-htiega illi jigu appuntati gurati.

**Rat in-Nota tax-xhieda w elenku tad-dokumenti pprezentati mill-akkuzat fis-17 ta' Novembru, 2003, kif ukoll l-istess dokumenti .**

**Rat in-Nota ta’ xhieda w elenku tad-dokumenti agguntiva prezentata mill-akkuzat fid-19 ta’ Novembru, 2003 kif ukoll l-istess dokumenti;**

**Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-20 ta’ Novembru, 2003 li biha ta avviz tal-eccezzjoni dwar l-ammissibilita’ ta’ provi w cioe’ l-eccezzjoni tal-inammissibilita’ tax-xhieda indikati fiha u d-dokumenti kollha esebiti minn 1 sa 11 , billi d-depozizzjonijiet u dokumenti mhux rilevanti ghall-kaz.**

**Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-14 t’ April, 2004 , li bih Dr. Anthony Barbara ghall-Prosekuzzjoni ta ruhu b’ notifikat bin-nota tal-akkuzat tal-5 ta’ Novembru, 2003, fejn l-akkuzat ghazel li l-kaz jigi deciz minn din il-Qorti minghajr gurati w , in vista ta’ din in-nota w in vista tal-fatt li l-kaz allura ser jigi deciz mill-Qorti preseduta minn Imhallef togat wahdu, rrimetta ruhu dwar il-kwistjoni tar-rilevanza tax-xhieda minnu ndikati ghad-decizjoni tal-Qorti fl-istadju tas-smiegh ta’ kull xhud individwali w in vista ta’ dan irtira l-eccezzjoni tieghu;**

**Rat illi l-akkuzat fl-udjenza tal-4 ta’ Lulju, 2005, ezenta lill-Qorti mill-qari tal-Att ta’ l-Akkuza ;**

**Rat illi l-akkuzat , mistoqsi kif iwiegeb ghall-Att tal-akkuza, wiegeb li mhux hati.**

**Semghet ir-rekwizitorja tal-Prosekutur, Dottor Anthony Barbara;**

**Semghet il-provi kollha li ressqet il-Prosekuzzjoni;**

**Semghet lill-akkuzat jixhed minn jeddu;**

**Semghet l-arringa tad-difensur Dottor Manwel Mallia;**

**Semghet l-uniku xhud tad-difiza ;**

**Semghet ir-replika tal-prosekutur u l-kontro-replika tad-difensur;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi l-Prosekuzzjoni meta rredigiet l-Att ta' l-Akkuza kienet illimitat l-akkuzi ghal wahda w cioe' dik ta' tentattiv t' omicidju fuq l-ahwa Camilleri w ma akkuzatx lill-akkuzat bir-reat ta' ragion fattasi kif kien sar fil-bidu tal-kumpilazzjoni.**

**In sostenn ta' din l-unika akkuza l-Prosekuzzjoni ressqet sitt xhieda, u cioe' s-Supratendent Pio Pisani, lil ex Surgent P.S. 122 John Mary Muscat, lill-Perit Valerio Schembri , lill-ahwa Angelo u Joseph Camilleri w lil missierhom Carmelo Camilleri. Minn-naha tad-difiza xehdu l-akkuzat innifsu w ibnu Gilbert Bonnici.**

Is-Supratendent Pio Pisani **, allura Spettur fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta, kien l-ufficjal inkarigat mill-kaz. Hu xehed li fit-23 ta' Settembru, 2001 , kien irrizultalu li l-ahwa Angelo Camilleri – li hu pulizija – u Joseph Camilleri , kienu marru l-ghassa tal-Mosta w rraportaw li waqt li Anglu Camilleri ghall-habta ta' xis-7.30pm ta' dak in-nhar stess kien ghaddej minn Burmarrad , kien ra lill-akkuzat tiela b' xi gaffa lejn fejn huma kellhom xi raba. Hu kien mar ghand ommu u ha lil huh Joseph mieghu biex jaraw l-akkuzat x' kien behsiebu jaghmel b' dik il-gaffa hemm fuq dak il-hin, jum tal-Hadd. Kif l-ahwa Camilleri waslu fuq il-post, raw lill-akkuzat jaqla' rampa li kienu ghamlu huma stess dak in-nhar filghodu, liema rampa kienet tinzel minn passagg li kien ghalaq b' kancell l-akkuzat ghal gol-ghalqa taghhom. Huma qalulu biex jieqaf u l-akkuzat ma waqafx u tefa' l-materjal f' nofs l-ghalqa taghhom. Irraportaw ukoll li l-akkuzat kien ser itajjarhom bil-gaffa . Dan kollu kien irrelatahulu PS 122 John Mary Muscat li kien irceva r-rapport. Hu ta istruzzjonijiet biex is-Surgent jibghat ghall-akkuzat u jiehu l-versjoni tieghu.**

**Meta kellem lill-akkuzat dan kien qallu li kien sab il-katnazz tal-kancell imqaccat u ra li saret dir-rampa . Ghalhekk mar ghal gaffa w qala' r-rampa w meta kien**

**kwazi sejjer, gew l-ahwa Camilleri w bdew jghajjruh u jisfidawh u wiehed minnhom tela' fuq il-gaffa w beda jghidlu : "*int bil-gaffa taghmel l-arja?*" u kliem simili.**

**L-ahwa Camilleri, meta kien kellimhom PS Muscat, kienu cahdu li xi hadd minnhom kien tela' fuq il-gaffa w qalu li meta kien hiereg l-akkuzat kien ipprova jghaddi minn fejn kienu huma w kellhom iwarrbu.**

**Is-Supratendent xehed li sa dak l-istadju hu kien qed jittratta l-kaz bhala wiehed ta' *ragion fattasi* . Imma wara rceva ittra ta' kwerela li insistiet li dan kien kaz ta' tentattiv t'omicidju w gie mitlub jiehu passi konformement, kif eventwalment kien ghamel wara xi zmien. (Fil-fatt l-akkuza nharget ftit inqas minn erba xhur wara w cioe fis-16 ta' Jannar, 2002). Kienu ttiehdu passi ukoll kontra l-ahwa Camilleri.**

*(Hawn sar verbal li l-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li kienu ttiehdu passi kontra Joseph Camilleri ghall-hsara fil-katnazz tal-kancell u li dan kien gie liberat)*

In kontro-ezami, Is-Supratendent Pisani xehed li l-akkuzat hu kuntrattur w importatur tal-ingenji kbar . Kien issemma li bin l-akkuzat kien prezenti waqt l-incident. L-ahwa Camilleri kienu ilmentaw li l-akkuzat kien dahal fl-ghalqa taghhom biex jaqla' rampa. L-akkuzat kien qal li l-kabina tal-gaffa kienet maghluqa u li kellu jissakkar go fiha ghax Camilleri tela' fuq il-gaffa w beda' jsabbat fuq il-kabina. Qal li kienu rieduh jinzel mill-kabina u ma nizilx u dak li tala' ghalih qallu : *"Inti bil-gaffa taghmel l-arja?"* Hu izda ma nizilx u saq u telaq minn hemm. L-akkuzat kien cahad li pprova jtajjarhom. Lilu ta' Camilleri kienu qalulu li saq fuqhom u zalu min-nofs u daqshekk. Ma kienu gabhulu ebda certifikat mediku ta' Camilerri. Hu jaf li ta' Camilleri kellhom kwistjonijiet dwar ir-raba ma dak u mall-iehor. Ikkonferma li kien irceva kwerela mill-akkuzat biex jittiehdu passi kontra ta' Camilleri ghall rapport falz , pero' ma jiftakarx jekk ittiehdux passi fuqha sal-lum. Ma ftakarx ittri sussegwenti mill-Avukat Delia ghall-akkuzat fejn baqa' jinsisti li jittiehdu passi kontra ta' Camilleri.

In ri-ezami qal li ma kienx hemm *challenges* kontra l-Pulizija.

*(hawn sar verbal li bih il-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li ma hemmx kontestazzjoni li l-korrispoindenza esebita fil-fatt kienet intbaghtet).*

Is-Supratendent zied jghid li kien hemm ukoll kawza ta' *ragion fattasi* fuq l-istess kaz li baqghet ghaddejja

**Ex P.S. 122 John Mary Muscat** xehed li fit-23 ta' Settembru, 2001, kien l-ghassa tal-Mosta u f' xis-7.40 pm kienu marru l-ghassa Anglu u Joseph Camilleri w irraportaw li dak in-nhar stess filghodu kienu rrangaw xi rampa li kien ilha hemm xi tmenin sena u li f' xis-7 p.m. Anglu Camilleri kien ra lill-akkuzat ghaddej bil-gaffa tat-tip Caterpellar 980 fi sqaq li jaghti ghal din ir-rampa . Kien mar ghal huh Joseph biex ma jkunx wahdu w marru jkellmu lill-akkuzat. Meta waslu sabu li r-rampa kienet gja tnehhiet u l-materjal li tnehha kien intefa' fl-ghalqa taghhom . Biex dahal hemm l-akkuzat kien dahal fil-proprjeta' taghhom. Qalulu ukoll li l-akkuzat kien saq bil-gaffa ghal fuqhom u kellhom jitilqu jigru biex ma jolqothomx. Ta' Camilleri kienu marru l-ghassa eccitati w kienu hadu xi ghaxar minuti kwarta biex waslu. Hu kien informa b' dan lill-Ispettur Pisani u dan kienu qallu biex jghid lil ta' Camilleri jgibu kwerela.

L-ghada hu kien umbaghad ikkuntattja lill-akkuzat u dan kien mar l-ghassa w qallu li lejliet ghall-habta ta' xil-5 p.m. kien mar fil-prioprjeta' tieghu Burmarrad u sab il-katnazz tax-xatba imkisser u haseb li tkisser b' *cutter* tal-*welding* u ssuspetta li dan sar minn Joseph Camilleri ghar-raguni li r-rampa li saret kienet mill-passagg proprjeta' tieghu ghall-ghalqa tal-istess Joseph Camilleri. Kif ra hekk, mar gab gaffa w nehha r-rampa w ghadda mill-proprjeta' ta' Camilleri ghax filghodu dawn ghaddewlu mill-passagg. Kif kien hemm kienu marru Joseph u Anglu Camilleri biex ikellmuh u bdew jghidulu : *"Inzel minn hemm . Bil-gaffa taghmel l-arja?*" Joseph Camilleri sahansitra kien tela' hdejh fuq l-gaffa imma hu kellu l-bieba tal-kabina maghluqa. Meta hu staqsa lill-akkuzat jekk kienx veru li

kien saq fuq Joseph Camilleri, l-akkuzat qallu li dan ma kienx veru ghax Joseph Camilleri kien hdejh fuq il-gaffa u ma setax isuq fuqu. Is-Surgent Muscat umbaghad inqrawlu siltiet mill-okkorrenza u senjatament fejn hemm miktub : "*He drove the shovel at a high speed. We had to run so as not to hit us*." u qal li kienu semmewlu li kien saq bi speed qawwi u dak li hemm fl-okkorrenza esebita hu dak li hu kien nizzel dak il-hin stess.

In kontro-ezami l-ex Surgent Muscat xehed li rrizultalu li t-tifel tal-akkuzat kien prezenti dak il-hin. Jaf li Anglu Camilleri hu pulizija. Tenna li l-akkuzat kien cahad bil-qawwa kollha li saq ghal fuqhom anzi kien qallu li Camilleri kien tela' fuq il-gaffa magembu. L-akkuzat kien ammetta li kien nehha r-rampa u li kien dahal fil-proprjeta' ta' Camilleri w li dan kien ghall-habta tas-7.30 pm.

**Angelo Camilleri** xehed li dak in-nhar hu kien ghaddej bil-car minn Burmarrad u ltaqa' ma *traffic jam* u nduna li kien hemm l-akkuzat qieghed quddiem gaffa li kien qed isuqha ibnu w li kienet qed iddur ghal gol-isqaq fejn ghandhom ir-raba taghhom. Mar ghand ommu vicin fejn sab lil huh Joseph Camilleri u qallu "*Imxi naraw*." u marru w sabu lill-akkuzat qed jaqla' r-rampa gol-ghalqa taghhom taht il-passagg . L-akkuzat ma waqafx u baqa' ghaddej bix-xoghol. Dak il-hin ibnu kien bil-wieqfa fuq ic-cint li jissepara r-raba taghhom mill-passagg li kien ghalaq b' kancell l-akkuzat. Kien qed jitfa' l-materjal go nofs l-ghalqa taghhom. Jimla l-gaffa w jdur . Ghamel hekk darba zgur.

Cahad li xi hadd minnhom kien tela fuq il-gaffa . Jista' jkun li hu kien ghajjat biex l-akkuzat jieqaf mix-xoghol izda hu baqa' ghaddej bih. Kienu marru hdejn l-akkuzat u hu mar hdejn ir-rota ta' quddiem tax-xellug tal-gaffa , pero' il barra minnha . L-akkuzat ghabba il-*bucket* bil-materjal, mexa naqra lura u dar lejn ix-xellug – kien hemm erba piedi bejn ix-xhud u bejn il-gaffa – w rega' mar jitfa'. Sadattant kienu kellmuh qabel u l-akkuzat ma wegibx u , jekk wiegeb, hu ma fehmux bil-hsejjes tal-magna tal-gaffa. Huh Joseph hu ma jafx fejn kien dak il-hin li dar . Hu beza'. Meta l-akkuzat kien gie biex jitlaq ma kienx hemm perikolu ghax hu kien gja warrab. Meta gibed lura ma kienx hemm perikolu

lanqas. Meta dar lejn ix-xellug hu harab. Dak il-hin kien hemm il-perikolu u kien hemm dahna kbira ta' trab u ma tistax tikkalkola kemm kien boghod mill-gaffa dak il-hin. Il-kliem li kien qal lill-akkuzat kien : *"Jaqaw bil-gaffa qed taghmel l-arja? Inzel biex nitkellmu."* Imma l-akkuzat baqa' ghaddej.

Kif l-akkuzat telaq hu w huh marru jaghmlu rapport l-ghassa tal-Mosta u lis-Surgent kienu qalulu li saq u li kieku hu ma warrabx, l-akkuzat kien jolqtu meta kien dawwar lejn ix-xellug bi speed gholi. L-incident kien dam xi hames , ghaxar minuti. Il-gaffa kienet wahda kbira bhal dik li tidher fir-ritratt a fol. 31.

In kontro-ezami , Angelo Camilleri qal li hu ma telax ma slielen tal-gaffa. Hu kien fuq ix-xellug u r-ritratt juri sellun fuq il-lemin. Huma kienu waslu fuq il-post mill-eghlieqi u ghaddew mill-passagg tal-akkuzat. Kienu raw il-manuvra li kien qed jaghmel l-akkuzat bil-gaffa li dar lejn ix-xellug meta nizlu fl-ghalqa. Qabel ma jafx kif kien qed jaghmel. Huma kienu marru lejn l-akkuzat. Hu jaf li dak in-nhar filghodu, jum tal-Hadd, hutu kienu marru jimmodifikaw ir-rampa. L-akkuzat qabel kien wessa' l-moghdija. Zied jghid li wara li l-akkuzat telaq huma kienu baqghu ftit hemm u dak il-hin l-akkuzat ma kienx saq fuqu. Fil-hin li dar kien hemm perikolu. "*Leli biex jaqla r-rampa mar u mhux biex isuq ghal fuqna*."

In ri-ezami xehed li l-intenzjoni tal-akkuzat ma jafhiex . Hu ippretenda li l-akkuzat kellu jieqaf. Hu ma weggax dak in-nhar.

**Joseph Camilleri** xehed li dak in-nhar huma kienu rrangaw ir-rampa li kien hemm mill-passagg ghal gol-ghalqa taghhom u wessawha minn tlitt piedi ghall aktar minn hekk. Dan kienu ghamluh bil-permess tal-Joint Office. Kienu qasmu l-passagg tal-akkuzat u gew fl-ghalqa taghhom biex ghamlu dan. Meta huh kien qallu biex imorru fuq il-post filghaxija , kienu sabu hemm lil Gilbert Bonnici iben l-akkuzat u qalulu : "*Missierek bil-gaffa jigi jaghmel l-arja?"* Gilbert pero' ma kellimhomx. Qabzu ghal gol-ghalqa taghhom u meta waslu fuq l-akkuzat , kien

diehel bil-gaffa taht ir-rampa biex jerga' jimla *"bucket*" u sadattant kien diga' tefa' materjal f' nofs l-ghalqa . Hu mar bejn il-gaffa u bejn ir-rampa waqt li l-gaffa kienet qed terga' tersaq lejn ir-rampa. Kien qiesu tul ta' gaffa boghod mill-istess gaffa w l-akkuzat baqa' gej u hu warrab jigri. Il-gaffa kienet gejja bi speed normali ta' gaffa li qed tahdem. Hu warrab lejn ix-xellug tad-driver . Dak il-hin huh Angelo kien fuq wara u mhux fi triqt il-gaffa. Hu tela' mas-sellun tax-xellug tal-gaffa sa fuq u beda jghajjat kemm jiflah u jaghti bis-sieq gol-bieba tal-kabina biex jiftah. Il-bieba bil-hgieg fuq kienet imsakkra u bil-hgieg imtella'. Lilu ma kkalkolahx l-akkuzat u baqa jaghmel ix-xoghol. Wara li qabad il-materjal, rega lura w kiser lejn il-lemin bir-*reverse* w u bid-dawra gie f' nofs l-ghalqa u tefghu hemm il-materjal, kif jidher mir-ritratt esebit Dok. CSH 3A a fol.37 , ir-rampa kienet fejn tidher il-hofra fil-hajt. Hu baqa' mall-akkuzat fuq il-gaffa w meta gie biex jitlaq , nizel xi skaluni u qabez il barra, meta wasal fil-baxx. L-akkuzat kien baqa' sejjer bla ma kien qallu xejn.

In kontro-ezami , Joseph Camilleri xehed li hu jaf kif jahdmu l-gafef u jsewwihom u mdorri jahdem fuqhom. Hu kien tela' mall-gaffa meta l-akkuzat kien qed jaghti l-isforz taht il-materjal. Gera' hdejh u tela' s-sellun. L-akkuzat kien waqaf biex jimla' l-*bucket* wara li hu kien warrab . Hu warrab meta l-akkuzat kien wasal xi hames jew sitt piedi boghod minnu. It-tifel tal-akkuzat ma kien kellmu xejn. Huh Anglu kien ipprova jaghmel kuntatt bil-mobile phone.

**Carmelo Camilleri,** li jigi missier iz-zewg xhieda precedenti , u li ma kienx prezenti ghall-incident, xehed li jiftakar li dak in-nhar tal-incident kienu marru uliedu Anglu u Joseph id-dar tieghu w qalulu imbahanhin li l-akkuzat kien qala' r-rampa u li kienu marru l-ghassa.

**Il-Perit Valerio Schembri**, perit nominat mill-Qorti Istruttorja, ikkonferma r-relazzjoni tieghu w l-pjanti w ritratti maghha annessi.

L-Akkuzat **minn jeddu xehed li ghandu hamsin sena u hu kuntrattur u direttur ta' diversi kumpaniji w jimpjegaw xi mija w hamsin ruh. Kien telaq mill-iskola**

**bil-kemm jikteb ismu w beda mix-xejn. Ghandu kumpanija EM bonnici & Sons li tixtri l-artijiet u tizvilupphom u xtara diversi artijiet fosthom f' il-Qarbuni, limiti ta' San Pawl il-Bahar , liema artijiet jinkludu wkoll il-passagg imsemmi fix-xhieda tal-prosekuzzjoni . Hu kien wessa' dan il-passagg biex ikun jista' jidhol bit-trucks u bil-gafef u bena gwiebi w zewgt ikmamar hemm. Kien tah il-concrete il-passagg u x-xoghol kien dam sejjer xi sitt xhur u hadd ma kien kellmu. Meta lesta wahhal xatba fil-passagg .**

**Wara xi tlitt gimghat li kien ghamel din ix-xatba, kien mar ikellmu Paul Camilleri , l-bidwi li jahdem l-ghalqa u li jigi hu Joseph u Angelo Camilleri u kien qallu *"Hemm ghalaqtli t-triq*." Hu kien qallu li seta' jidhol minn band' ohra ghar-raba tieghu w spjegalu kif u dan Paul Camilleri kien telaq. Wara xi gimgha kienu marru Joseph, Carmelo u Paul Camilleri l-ufficju tad-ditta w Joseph Camilleri kien beda' jghajjat biex jatih cavetta tar-rixtellu. Bdew jghajjtu w gew hut l-akkuzat u meta Joseph Camilleri baqa' jinsisti ghac-cavetta hu kien qalilhom li qatt ma kien rahom dehlin minn hemm. Qabel kellhom relazzjonijiet tajba ma ta' Camilleri u sahansitra Joseph Camilleri kien jahdem maghhom u kienu jisilfuh *"tools*" specjali li kien ikollu bzonn. Paul Camilleri dak in-nhar kien qallu li kellu bzonn jidhol jizra' u hu kien wiegbu li jekk hemm bzonn, anki jwaqqa' bicca mill-hajt biex hu jkun jista' jidhol . L-affari waqfet hemm.**

**L-akkuzat zied jghid li ma kienx hemm rampa wiesgha tlitt piedi mill-moghdija tieghu ghall-ghalqa ta' Camilleri. Hu wera ritratt *aerial photo* li hu gab mill-MEPA li kien juri li dir-rampa ma kienetx tezisti. Wara xi zmien kien rega' mar ikellmu Joseph Camilleri w kien urieh pjanta tal-Agrikoltura imma hu kien qallu biex imur igib pjanta tal-Kurja. Ma gabx xejn.**

**Il-Hadd, 23 ta' Settembru, 2001, kien mar huh Joe u qallu : "*Mela rrangajt mall-Hassu?*" u hu wiegbu : *"Ie. Qed nistenna minnghandu*." Huh qallu : "*Imma ghamel ir-rampa.*" Allura marru fuq il-post u hemm**

**sab li kienu saru zewg rampi w li l-katnazz tar-rixtellu kien imqaccat. Huh kien qallu :** ***"Ara x' ser taghmel ghax sa filghodu jatuha il-concrete kif hallewha."*** **Hu kien ha ghalih b' dak li gara u allura dak il-hin stess mar ma huh Joe l-ghassa tal-Qawra izda kif dahal sab pulizija minn Burmarrad li joqghod faccata ta' Angelo Camilleri li hu ukoll pulizija w allura ghaddas rasu w rega' hareg il barra. Huh qallu** ***"Mela diga' hrigt?"*** **u hu wiegbu li kien ser ikun ghalxejn li jaghmel rapport ghand dak il-pulizija li kien hemm hemm gew. Huh qallu : "*****Ahjar taqlaghha*****." Allura hu nizel id-dar u sab lill-ibnu Gilbert u kellmu w hu w t-tifel telqu bil-gaffa lejn il-post. Il-gaffa saqha t-tifel u hu saq bil-van quddiemu. Il-gaffa kienet bhal dik li tidher fil-*****brochure*** **esebit imma izghar minnha. Ghandha sellun fuq kull naha u "terrazzin" bir-*****railing*** **u tara wara sew. Meta tirriversja ghandha klakson li jdoqq : "Putt- putt-putt." Din il-gaffa licenzjata.**

**Fuq il-post Gilbert nizel mill-gaffa w tela' fuqha w saq hu. Ibnu baqa' fl-area taghhom u hu nizel fl-area ta' Gauci w ta' Camilleri w beda jaqla' r-rampa li kienet mall-passagg tieghu. Beda' jidhol u jirriversja fit-tond imur il quddiem u jbattal. F' hin minnhom ra lill-Anglu Camilleri w Joseph Camilleri hdejn ibnu Gilbert. Anglu nizel fl-ghalqa ta' Gauci u mar il-boghod bil-mobile f' idejh fil-ghalqa ta' Gauci lejn it-triq. Lil Joseph rah jaghmel xi mossi lil Gilbert u qabez minn fuq il-hajt u gera' lejh u peress li hu kien dar fit-tond bil-gaffa w Joseph qata' ghad-dritt , hu waqaf bil-gaffa w ghalaq it-tieqa . Joseph tela' mir-*****right*** **fejn hemm it-tieqa ghax il-bieb tal-kabina fuq ix-xelllug qieghed. It-tieqa tissakkar minn fuq gewwa w ghalaqha w sakkar il-bieba wkoll ghax li Joseph jafu w rah bil-herra w beda jsabbat u jghid** ***"Ohrog minn hemm ja chicken. Bil-gaffa taghmel l-arja?."*** **Sadattant dak il-hin hu kien qed isuq lura bil-bucket mimli . Irriversja w hareg bil-quddiem u Joseph baqa' fuq il-gaffa fit-"terrazzin" u jsabbatlu w meta ra li hu ma fetahlux u li kien sejjer il barra, nizel minn fuq il-gaffa w mexa' lejn huh. L-akkuzat ghamel sinjal lit-tifel Gilbert li ser jibqa' sejjer u hekk ghamel u ha l-gaffa fil-"*****yard*****" u mar ghand**

**ommu. Dak il-hin ma marx ghand il-Pulizija. Huh kien rah imwerwer u bezghan u hu qallu li : "*kieku ma ssakkartx fil-gaffa, Joey kien iqattghani*." L-ghada kien kellem lill-Avukat tieghu Adrian Delia u talbu jibghat ittra lill-Pulizija . Meta baghat ghalih il-Pulizija, kien qallu x' kien gara.**

**In kontro-ezami, l-akkuzat xehed li hu ma kienx waqaf mix-xoghol. Kien wasal fl-ahhar *"bucket*" meta gew ta' Camilleri. Kien dahal ghall-ahhar "bucket" u Joseph Camilleri kien mar ghalih. Kull ma kien ghamel kien li battal l-ahhar "bucket. Hu kien ha ghalih meta ra r-rampa ghax kien ghadhom qed jitkellmu. Lil Joseph ma kienx ralu armi jew skieken . Meta Joseph beda jghidlu *"Chicken*" u jsabbat fuq it-tieqa hu twerwer. Hu seta' jara sew mill-kabina tal-gaffa fejn kien. Mhux veru li Joseph Camilleri kien gie bejnu w bejn ir-rampa meta hu kien miexi l quddiem bil-gaffa imma waqt li kien qed iregga lura , Joseph gera' lejh. Meta ra lil Joseph gej fuq is-sellum, waqaf biex jaghalaq it-tieqa. Hu kien mela xi sitt "*buckets*" u kien ilu hemm xi ghaxar minuti meta waslu l-ahwa Camilleri. Joseph kien dam xi zewg minuti fuq it-"terrazzin" tal-gaffa . Anglu f' ebda hin ma dahal f' ta' Camilleri . F' ta' Gauci mar u ma giex hdejn il-gaffa.**

**Meta gie konfrontat ma Joseph Camilleri, l-akkuzat tenna li kien qed jigbed il-materjal u x' hin irriversa Joseph gera' lejh u hu waqaf u Joseph tela' bis-sellun . Dak kien l-uniku *"bucket*" li kien ghamel fil-prezenza taghhom. Hawn Joseph Camilleri pero' tenna li l-akkuzat kien rega' gie lura w li hu gie bejn il-gaffa w r-rampa w quddiem il-gaffa.**

Gilbert Bonnici **, prodott mid-difiza, xehed li ghandu 24 sena u jigi bin l-akkuzat. Hu l-kbir u jahdem fit-toroq ma Bonnici Bros. Dak in-nhar tat-23 ta' Settembru, 2001, , jum tal-Hadd, kien mar missieru l-akkuzat id-dar u qallu li Camilleri kienu ghamlu rampa minn go taghhom ghal gol-passagg . Missieru qallu li jekk ma jaqlghuilhomx, kienu ser jatuha l-konkos u jkun "*to late*" . Hu saq il-gaffa sal-ghalqa ta' Gauci w**

**umbaghad nizel u tela' l-akkuzat u hu mar fil-passagg taghhom u baqa' hemm. L-akkuzat beda jaqla' r-rampa u jitfa' l-materjal f' nofs l-ghalqa . Wara ftit tal-hin waslu l-ahwa Camilleri w qabzu ghal gol-passagg mill-ghalqa ta' fuq. Angelo mar fl-ghalqa ta' Gauci w beda jcempel u Joseph qal lix-xhud : "*Ghid lil missierek jieqaf . Bil-gaffa jaghmel l-arja?"* . Umbaghad Joseph qabez fl-ghalqa taghhom u gera' lejn il-gaffa li kienet miexja b' lura. L-akkuzat waqaf u ghalaq it-tieqa. Joseph tela' mall-gaffa minn-naha tat-tieqa fuq il-lemin . Beda jghid lill-akkuzat : *"Inzel. Ieqaf. Bil-gaffa taghmel l-arja?"* u beda jaghti fuq it-tieqa tal-kabina bis-sieq. L-akkuzat mexa b' Joseph fuq il-gaffa xi mitejn metru u l-gaffa kwazi waqfet fejn il-villa ta' Bianchi w hemm Joseph nizel minn fuq il-gaffa u mar hdejn huh . Il-gaffa baqghet sejra w Joseph gie lura w ghadda minn hdejn ix-xhud u mar hdejn huh. Hu umbaghad telaq wara missieru l-akkuzat.**

**In kontro-ezami Gilbert Bonnici xehed li kienu hadu xi hames minuti biex waslu mill-"*yard*" sal-ghalqa. Missieru kien miexi b' lura meta Joseph resaq lejn il-gaffa u meta kien dahal ghall-ahhar "bucket" , Joseph Camilleri kien ghadu magemb ix-xhud fil-passagg.**

*****************

**<u>Sottomissjonijiet</u>**

**Il-Prosekutur Dr. Anthony Barbara, fir-rekwizitorja tieghu, ssottometta li dan il-kaz beda bi kwistjoni dwar rampa fir-raba li eskalat ghall-proporzjonijiet li setghu kellhom konsegwenzi tragici. Il-Prosekuzzjoni ma kienetx ser tidhol fil-kwistjoni dwar min kellu ragun dwar ir-rampa . Kellu jew ma kellux ragun, l-akkuzat ma seta' qatt isuq ingenju hekk kbir fuq zewg persuni b' mod li facilment seta' joqtolhom. Dan kien kaz gravissimu ghax meta ssuq vettura b' dan il-mod kontra xi hadd, dak li jkun jista' jew jibqa' hemm jew jippanikja u b' hekk toqtlu. F' dal-kaz il-persuni koncernati irmexxilhom jizgiccaw u harbu ghax l-**

**akkuzat ma waqafx imma baqa' ghaddej. B'dan l-ingenju mhux iferi biss ried l-akkuzat imma joqtol. Dawn is-sitwazzjonijiet m' ghandhomx jigu tollerati.**

**Fir-replika tieghu mbaghad, il-Prosekutur issottometta li m' ghandniex naraw kollox superficjalment. Wiehed ried jezamina l-kondotta, mgieba w karatturu tax-xhieda. X-xhud Angelo Camilleri li hu pulizija agixxa bil-mod kif mistenni minn pulizija w cioe' li jipprova jcempel, kif fil-fatt ghamel. Joseph Camilleri agixxa kif agixxa ghax jifhem fil-gafef u ghandu esperjenza taghhom u ghalhekk tela' fejn il-kabina. Invece l-akkuzat tant kien determinat li jwaqqa' r-rampa li ma kien lest li jaccetta ebda ostakolu ghall-ghan tieghu , "no matter what". L-akkuzat kien qed jara biss li jnehhi r-rampa w kien indifferenti ghall-konsegwenzi. Hu staqsa jekk kellux mis-sewwwa dak li xehed l-akkuzat. Ir-rapport tal-ahwa Camilleri lill-Pulizija tal-Mosta kien li l-akkuzat kien saq ghal fuqhom . Allura dan ivvintawh l-ahwa Camilleri? , staqsa l-Prosekutur. Mela l-ahwa Camilleri kienu korroborati mic-cirkostanza tar-rapport. Ir-rampa tnehhiet ghal kollox. L-akkuzat laqaghha l-isfida. F' dan il-kaz wiehed ried jifhem ir-rejazzjoni tal-persuni nvoluti f' dan il-konflitt t' interessi.**

**Il-Prosekutur kompla jissottometti li x-xhieda ta' iben l-akkuzat kienet "*carbon copy*" ta' dik tal-akkuzat u d-difiza kienet qed tipprofitta ruha mill-fatt li x-xhieda tal-ahwa Camilleri ma kienetx identika. Dan ma kienx kaz facli pero' kellha tirrizulta l-intenzjoni pozittiva ndiretta li jpoggi l-hajja tal-ahwa Camilleri f' perikolu car u manifest. Fil-kaz ta' Angelo Camilleri l-pozizzjoni tieghu kienet wahda marginali. Veru li kien hemm zewg versjonijiet li jikkonfliggu w cioe' dik tal-akkuzat u ibnu w dik tal-ahwa Camilleri w l-Qorti riedet tara x' ser temmen.**

**L-akkuzat kien irrabjat u *"let down"* u ried juri li tieghu ser tghaddi u mar biex inehhi r-rampa. Il-buon sens x' jghidlek meta tara l-*"pointers*" ? Dawn il-"*pointers*" kienu fost ohrajn, l-uzu tal-gaffa, l-lokalita', l-hin, in-**

**nies prezenti, r-rabja tal-akkuzat, li ghalkemm l-ahwa Camilleri marru biex izommuh milli jwaqqa' r-rampa, hu xorta rmexxielu iwaqqaghha; id-diskors li qalu ta' Camilleri : *"Missierek bil-gaffa jaghmel l-arja?"* , il-fatt li ta' Camilleri marru jaghmlu r-rapport u li kienu imwerwrin. Meta jqis dan kollu, wiehed kellu jasal ghall-konkluzzjoni ta' htija skond l-Att ta' l-Akkuza, kkonkluda l-Prosekutur.**

**Id-difiza, fl-arringa taghha, ssottomettiet li kienet zbalordita bil-fatt li kien inhareg dan l-Att ta' Akkuza meta qrat l-atti tal-kumpilazzjoni. Il-Pulizija ma ndagatx b' mod serju qabel akkuzat lill-klient taghha. Illi l-intenzjoni omicida riedet tkun manifestata mill-azzjoni intrapriza. Kien hemm hafna inkonsistenzi f' dan il-kaz. Hekk , per ezempju fil-waqt li fl-okkorrenza li saret fuq ir-rapport tal-ahwa Camilleri kien tnizzel il-kliem *"they had to run"* u li l-gaffa giet *"at great speed",* minn dan kollu ma rrizulta xejn quddiem din il-Qorti. Umbaghad l-istess xhieda taz-zewg ahwa Camilleri kienet tikkuntrasta . Fil-waqt li Angelo Camilleri qal li kien intela "*bucket"* wiehed u l-gaffa kienet gejja lura – u f' dan allura jikkorrobora l-versjoni tal-akkuzat – huh Joseph jghid li l-akkuzat rega' dahal ghal biex jimla *"bucket*" iehor meta hu gie quddiemu. L-istess Angelo Camilleri xehed li ma setax jghid x' kienet l-intenzjoni tal-akkuzat. Dan Angelo lanqas kien in xena.**

**Id-difiza ma kienetx qed tikkontesta li z-zewg familji kienu hbieb u sahansitra Joseph Camilleri kien impjegat mad-ditta tal-akkuzat fejn ittrejnjawh u ghinuh u anki kienu baqghu jisilfuh xi ghodda meta rema' ghal rasu. Li l-akkuzat kien "*self made man"* u gej minn sfond agrikolu. Li l-partijiet kellhom eghlieqi hdejn xulxin u li l-akkuzat kien xtara eghlieqi minnghand terzi w minnghand hutu w kien ukoll xtara art biex seta' jwessa' l-passagg minnghand certu Gauci. Li fil-hames xhur li dam sejjer ix-xoghol mill-akkuzat, hadd ma kien kellmu jew waqqfu. Li ta' Camilleri kienu tkellmu biss meta sar ir-rixtellu. Li meta ta' Camilleri kienu marru rrabjati l-ufficcju tad-**

**ditta, l-akkuzat kien ikkalma s-sitwazzjoni w sahansitra qalilhom li kien lest li jifthilhom il-kancell meta jkollhom bzonn jahdmu r-raba. Li ta' Camilleri kellhom access iehor ghar-raba taghhom. Li meta sar l-incident il-partijiet suppost li kien ghadhom qed ifittxu l-affarijiet taghhom biex jaraw xi drittijiet kellhom ezatt. Li kienu l-ahwa Camilleri li gew mill-eghlieqi ta' fuq ghal fuq il-passagg tal-akkuzat. Li kien Joseph Camilleri li beda mall-ewwel jghid lill-iben l-akkuzat Gilbert Bonnici : *"Missierek bil-gaffa jaghmel l-arja?"* u li Gilbert ma rrispondiehx. Li din kienet Qorti Kriminali u mhux Civili w riedet tiddeciedi minghajr ma jkollha dubju dettat mir-raguni.**

**Id-difiza qalet li l-azzjoni li tikkostitwixxi t-tentattiv trid tkun saret *"bil-hsieb li jaghmel delitt"* skond l-artikolu 41 (1) tal-Kodici Kriminali. Iccitat minn D. A. Duff : "*The analysis of criminal attempt must begin with the mens rea.*" Li ma jezistix ir-reat ta' tentattiv fl-involontarju. F' dan il-kaz li tirrizulta l-intenzjoni kienet l-aktar haga importanti. Umbaghad il-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-akkuzat kien ghamel minn kollox biex joqtol u li ma rrmexxilux minnhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.**

**Il-versjoni tal-akkuzat li fil-hin tal-incident hu kellu l-"*bucket*" gja mimli w kien qed jirriversja hija l-aktar wahda verosimili w hi korroborata minn Angelo Camilleri stess. Li l-ahwa Camilleri lanqas biss ingirfu w lanqas ingabet prova li hadu xi qata'. Anzi rrizulta li Joseph Camilleri addirittura tela' mas-sellum tal-gaffa w beda jsabbat fuq il-bieb tal-kabina taghha .**

**Fil-waqt li l-akkuzat skond is-Supratendent Pisani mill-ewwel kien cahad li saq fuq ta' Camilleri biex itajjarhom, l-ahwa Camilleri mall-Pulizija kienu cahdu li xi hadd minnhom tela' fuq il-gaffa, haga li issa l-istess Joseph Camilleri kien qed jammettiha bil-gurament. B' dana kollu huh Angelo Camilleri hawn xehed li ma rahx hemm fuq. Kif seta' jkun dan? Dan kien inverosimili. Is-Supratendent kien xehed ukoll li ta' Camilleri kellhom kwistjonijiet bhal dawn anki ma**

**terzi. L-akkuzat per mezz tal-Avukat tieghu kien kiteb lill-Pulizija w talabhom jiehdu passi kontra l-ahwa Camilleri ghal rapport falz u din l-ittra giet segwita minn zewg ittri ohra.**

**Fil-waqt lil-akkuzat kien dejjem konsistenti fil-versjoni tieghu u fl-okkorrenza tnizzel : "*He strongly denied such allegation*." u fil-waqt li P.S. Muscat kien nizzel fl-okkorrenza li l-ahwa Camilleri kienu qalulu : "*He drove said shovel towards us at high speed and we had to run not to hit us."* (Sic!), hawnhekk dan ma rrizultax. Inoltre Angelo Camilleri qal li l-akkuzat darba biss ghamilha l-manuvra. Ikompli jghid li meta l-akkuzat regga' lura hu kien mall-gemb ossia hu w huh it-tnejn kienu mall-gemb u ghalhekk imeri lil Joseph Camilleri. Jghid ukoll li l-akkuzat gie lura u dar bil-mod , allura fejn hu l-speed ? , staqsa d-difensur . Il-manuvra li kien qed jaghmel l-akkuzat ma tikkostiwix l-element ta' tentattiv t'omicidju volontarju. Iz-zewg ahwa Camilleri qalu li meta l-akkuzat kien hiereg mill-ghalqa ma kienx hemm perikolu ghalihom. Meta huma waslu fuq il-post l-akkuzat kien gja fil-gaffa jissara mar-rampa w hemm baqa' fil-kabina u mhux kien mar fil-gaffa ghal tal-apposta ghax rahom. Ma geriex warajhom bil-gaffa jew qaleb xi hitan biex isegwihom imma kif battal l-ahhar "*bucket"* telaq minn hemm. Meta rega lura wara li mela l-"*bucket"* kien hemm certa distanza bejn il-gaffa w bejn Angelo Camilleri skond kif xehed l-istess Angelo. Kien sintomatiku dak li xehed Angelo Camilleri w cioe' :- "*Leli gie biex jaqla r-rampa u mhux biex isuq fuqna."***

**Li dak li xehed Joseph Camilleri stess u cioe' li kien mar fuq Gilbert Bonnici u: *"Jien ghidt lil Gilbert*, *"Missierek bil-gaffa jaghmel l-arja*?" kienet sfida , imma Gilbert lanqas biss kien wiegbu . It-tifel tal-akkuzat ma waqax ghal din il-provokazzjoni da parti ta' Joseph Camilleri. L-istess Camilleri qal li l-speed tal-gaffa kien wiehed normali ta' gaffa qed tahdem u li huh Angelo ma kienx fi triqitha l-gaffa. Umbaghad Joseph Camilleri tela' fejn il-kabina tal-gaffa mhux ghax il-gaffa kienet ser itajjru imma biex iwaqqaf lill-**

**akkuzat milli jkompli jwaqqa' r-rampa. Il-prossimita' tas-sellum mall-gemb tal-gaffa mar-roti kbar juri li biex Joseph Camilleri tela' mas-sellum , bil-fors li l-akkuzat dak il-hin kien waqqaf il-gaffa, kif xehed l-akkuzat.**

Fuq bazi ta' probbabbilta' dak li qed jghidu x-xhieda tal-Prosekuzzjoni mhux minnu . L-akkuzat kien l-ewwel fuq il-post . Mhux hu mar ghal ta' Camilleri imma kienu huma li gew ghalih. Kien gja fil-gaffa w hemm baqa' l-hin kollu . Dan mhux kaz li rahom u qabad gaffa w saq ghal fuqhom. Hu kien u baqa' jahdem biex iwaqqa r-rampa. Meta ta' Camilleri kienu fuq ic-cint qabel ma qabzu fil-passagg setghu jaraw x' kienu il-manuvri tal-gaffa  w t-trajjettorja taghha w l-manuvra li l-akkuzat ghamel meta dahal ghall-ahhar bucket kienet l-istess bhal ta' qabel. Ir-ritratti juru id-direzzjoni li kienu qed jiehdu r-roti tal-gaffa. Li fl-ebda mument ma jirrizulta li l-akkuzat saq ghal fuq xi hadd, imma kien u baqa' jesegwixxi manuvra li t-terzi kienu jafu x' inhi. Id-difiza staqsiet jekk min verament ihoss li kien hemm perikolu mhux talli ma jibqax hemm imma sahansitra jitla fuq il-gaffa. Dan m'ghandux mis-sewwa. Invece l-akkuzat ma baqax jisfida fuq il-post u kif lesta dak li ried jaghmel, telaq .

**Fil-kontro-replika d-difiza regghet tenniet li l-intenzjoni kienet l-aktar element importanti . Staqsiet minn fejn irrizulta li l-akkuzat kien gie jaqa' w jqum u li ried itajjarhom u li ried joqtol. Joseph Camilleri kien merut minn huh stess. Mir-rapport taghhom johrog li l-ahwa Camilleri ma kienux konsistenti. Fejn kienet il-prova tal-"*high speed"* minnhom allegat mas-Surgent? Lis-Supratendent ta' Camilleri ma qalulux li wiehed minnhom, Joseph, kien tela' fuq il-gaffa. Illi umbaghad anki jekk toqghod fuq il-versjoni moghtija mix-xhud Joseph Camilleri, ma tasal qatt biex issib htija ta' tentattiv t' omicidju.  Il-gaffa ma intuzatx bhala arma biex jigi kommess tentattiv t'omicidju imma biex titwaqqa' r-rampa. L-argument li ghax mar determinat biex jaqla' r-rampa ried joqtol ma jreggix. Irid ikollok il-volonta u trid dak l-effett. Irrifera ghas-sentenza fil-kawza "** Ir-Repuibblika ta' Malta vs. Domenic Briffa" **ghar-rigward tat-tentattiv ta' offiza gravi.**

**Finalment id-difiza ssottomettiet li l-istess Supratendent Pisani ma kienx hass li dan kien kaz ta' xi omicidju volontarju imma biss ta' *ragion fattasi* u kien biss wara li rceva l-kwerela li fl-ahhar iddecieda li jipprocedi b' din l-akkuza gravissima.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi kif del resto jaqblu l-Prosekuzzjoni w d-Difiza tal-akkuzat, din il-Qorti mhix imsejjha biex tiddeciedi jekk l-agir tal-akkuzat fir-rigward tad-dhul bil-gaffa fir-raba ta' Camilleri w t-tkissir tar-rampa fuq imsemmija bil-gaffa, bir-rimi tal-materjal f' nofs l-ghalqa ta' Camilleri, kienx wiehed legittimu jew le. Lanqas mhu l-kaz li tidhol fuq xi kwistjoni ta' dritt civili dwar xi dritt ta' passagg li seta' kellhom ta' Camilleri minn fuq il-passagg li issa ghalaq bir-rixtellu l-akkuzat. L-akkuza ta' *ragion fattasi* li nghatat lill-akkuzat fil-bidu tal-kumpilazzjoni in konnessjoni mall-incident in ezami w li allura setghet titlob indagni dwar xi wahda mill-kwistjonijiet fuq imsemmija, ma tiffigurax f' dan l-Att ta' Akkuza.**

**L-indagni li trid taghmel din il-Qorti hija jekk mid-dinamika tal-incident kif issa rrizultat waqt il-kawza jirrizultawx l-elementi materjali w intenzjonali tat-tentattiv t' omicidju w , jekk le, jirrizultawx l-elementi ta' xi reat iehor izghar inkella attentat biss tieghu li jkun kompriz jew involut f' xi parti ta' l-Att ta' l-Akkuza, skond ma hu provdut fl-artikolu 467 (4) tal-Kodici Kriminali.**

**Illi hu ovvju li l-indagni trid tibda' billi jigi stabilit ezatt x' gara f' dawk il-ftit minuti meta l-ahwa Angelo w Joseph Camilleri waslu fuq il-post fejn l-akkuzat kien bil-gaffa gol-ghalqa taghhom ihott u jhammel rampa bil-gaffa w jitfa' l-materjal li kien qed jimpala f' nofs l-ghalqa taghhom.**

**Illi l-fatti li jirrizultaw fiz-zgur huma li meta l-akkuzat u ibnu Gilbert, il-Hadd, 23 ta' Settembru, 2001, ghall-**

**habta ta' ftit wara s-7.30 pm., telghu mill-isqaq bil-van misjuqa mill-akkuzat segwita bil-gaffa misjuqa minn Gilbert u waslu fejn ir-rampa in kwistjoni, Gilbert nizel mil-gaffa w din tela' fiha l-akkuzat fil-waqt li Gilbert baqa' fuq ic-cint baxx li kien jifred il-passagg li l-akkuzat jippretendi li hu tieghu biss mill-ghalqa sottostanti ta' Camilleri. L-akkuzat hawn saq il-gaffa ghal gol-proprjeta' ta' Camilleri w biha beda jidhol taht il-materjal tar-rampa , jaqbdu bil-"*bucket*" tal-gaffa, jregga lura fit-tond u jitfghu w jiddepozitah f' nofs l-istess ghalqa. Meta kien ghamel hekk diversi drabi, waslu fuq il-post l-ahwa Joseph u Angelo Camilleri mill-ghalqa li tigi fuq il-passagg imsemmi. Huma nizlu jew qabzu ghal gol-passagg fejn kif intqal kien hemm Gilbert ihares u Joseph Camilleri beda jirrimonstra ma Gilbert u jghidlu biex jghid lill-missieru, l-akkuzat, jieqaf minn dak li kien qed jaghmel u anki qallu kliem bhal "*Missierek bil-gaffa jaghmel l-arja?" .* Sa hawn ma jidhirx li hemm kontestazzjoni.**

**Minn hawn il-quddiem hemm versjonijiet konfliggenti bejn dik tal-akkuzat, pjenament korroborat minn ibnu Gilbert, u dawk moghtija minn Angelo u Joseph Camilleri. Jinghid "**dawk**" ghax anki bejn il-versjonijiet tal-ahwa Camilleri hemm kuntrasti w inkonsistenzi sostanzjali li jimminaw serjament il-kredibilita' taghhom dwar x' gara ezatt.**

**L-akkuzat u ibnu xehdu li meta l-akkuzat kien ghadu kif impala l-ahhar *bucket* bil-materjal, nizlu fl-ghalqa mill-passagg fejn kienu qabel l-ahwa Camilleri w fil-waqt li Angelo Camilleri allontana ruhu lejn l-ghalqa ta' Gauci aktar il barra u deher qed jipprova jcempel, Joseph Camilleri gera lejn il-gaffa li dak il-hin kienet qed tregga' lura fit-tond , bil-*bucket* gja mimli w meta wasal hdejn il-gaffa li dak il-hin waqfet biex l-akkuzat – li fehem li gej l-inkwiet – itella' w jsakkar it-tieqa, tela' mas-sellum li kien hemm mall-lemin tal-istess gaffa w baqa' tiela sa fejn il-kabina li hi imdawwra bi speci ta' xkaffa bir-"*railings*" li xi xhieda rriferew ghaliha bhala "*t-terrazzin*" (ara l-brochures esebiti) w beda jsabbat kemm jiflah fuq il-hgieg tal-kabina biex**

**igieghel lill-akkuzat jieqaf fil-waqt li beda jghajjat u jghidlu li hu "*chicken"* u li bil-gaffa kien qed jaghmel l-arja. L-akkuzat ma wiegbu xejn u baqa' fil-kabina isuq u , wara li ddepozita l-ahhar "*bucket*" materjal fl-ghalqa, baqa' jsuq il-barra b' Joseph Camilleri b' kollox ghadu fuq it-"*terrazzin"* tal-gaffa jsabbat u jghajjat. Meta l-gaffa giet biex titla mill-ghalqa ghall-isqaq, Joseph Camilleri nizel mis-sellum u meta wasal fil-baxx qabez u mar lura, ghadda minn hdejn Gilbert u ma kellmu xejn u baqa' sejjer hdejn huh Angelo. Il-gaffa bl-akkuzat go fiha baqghet sejra lejn il-"*yard*" fit-triq ta' Burmarrad u l-incident inghalaq hemm.**

**Issa hu ovvju mad-daqqa t' ghajn li jekk il-fatti graw kif fuq deskritt , apparti xi akkuzi ta' ragion fattasi u/jew danni volontarji fil-proprjeta', li mhumiex inkluzi fl-Att ta' l-Akkuza, ma jkun hemm lanqas bidu ta' xi element tar-reat ta' tentattiv t'omicidju jew ta' xi reat iehor kompriz jew involut. L-akkuzat kien u baqa' fil-gaffa w l-unici manuvri li hu jkun ghamel kienu dawk biex ihammel u jbattal il-materjal u li kif spicca , baqa' hiereg minn hemm b' Joseph Camilleri li telghalu abbord u kien qed jisfidah u jimminaccjah sakemm umbaghad iddecieda li jinzel minn fejn kien tela.**

**Mill-banda l-ohra hemm il-versjonijiet ta' Angelo u Joseph Camilleri. Dawn mhumiex identici. Ivarjaw kemm minn xulxin, kemm minn dak li setghu qalu lil P.S. Muscat meta marru jaghmlu r-rapport , kemm minn dak li qalu lis-Supratendent Pisani, kif ukoll minn dak li xehdu fil-kumpilazzjoni f' cirkostanzi materjali.**

**Il-versjoni ta' Angelo Camilleri hija li meta huma nizlu fl-ghalqa marru hdejn il-gaffa tal-akkuzat. Hu mar hdejn ir-rota ta' quddiem tax-xellug, pero' qaghad il barra minnha. L-akkuzat ghabba, mexa naqra lura u dar lejn ix-xellug. Dak il-hin kien hemm erba piedi bejnu w bejn il-gaffa w l-akkuzat rega mar jitfa'. Dak il-hin li l-akkuzat dar hu beza'. Fejn kien huh Joseph dak il-hin ma jafx. F' ebda hin ma ra lil Joseph fuq, fejn il-**

**kabina tal-gaffa. Meta umbaghad l-akkuzat gie biex jitlaq ma kienx hemm perikolu ghalih ghax hu kien warrab . Lanqas meta gibed lura ma kien hemm perikolu ghax-xhud. Dak il-hin li dar kien hemm il-perikolu. Pero' meta gie mistoqsi mill-Qorti kemm kien il-boghod hu mill-gaffa dak il-hin, Angelo Camilleri wiegeb li ma setax jikkalkola ghax kien hemm dahna kbira tat-trab u hu ghalhekk harab.**

**In kontro-ezami, Angelo Camilleri qal li kienu hu w huh li marru ghall-akkuzat. L-akkuzat ma kienx saq fuqu. Dak il-hin li dar kien hemm perikolu, pero' hu ma weggax. Spicca billi qal li "*Leli* (l-akkuzat*) biex jaqla' r-rampa gie u mhux biex isuq ghal fuqna. L-intenzjoni tieghu ma nafhiex. Jien ippretendejt li ghandu jieqaf.*"**

**Jekk din il-versjoni kellha tigi accettata , jidher li l-unika haga li Angelo Camilleri qed jimputa lill-akkuzat hija li meta dar lejn ix-xellug u hu dak il-hin kien vicin ir-rota ta' quddiem tax-xellug – fejn kien mar hu stess – kien hemm perikolu. F' ebda hin pero' ma qal li l-akkuzat saq ghal fuqu. Anzi dan eskludieh. La ssemma speed gholi u lanqas li hu u huh telqu jigru, kif nizzel is-Surgent fl-okkorrenza. Inoltre din id-deskrizzjoni harget biss waqt il-kawza quddiem din il-Qorti, ghax id-deskrizzjoni tal-incident, jekk tista' tissejjah hekk, moghtija fil-kumpilazzjoni ma hix l-istess. Di fatti fil-kumpilazzjoni Angelo Camilleri qal biss u testwalment hekk :- "*Beda jtir it-trab u jiena dahna kbira rajt. Jiena kont bezghan ghax jekk jolqotni gaffa bhal dik tweggani . Kieku ma warrabtx kien jolqotni. Meta l-imputat beda jdur bil-gaffa jiena u hija infridna.*" Issa hu ovvju li, kemm jekk l-akkuzat dar lejn ix-xellug meta vicin ir-rota ta' quddiem ta' dik in-naha kien hemm Angelo, kemm jekk ma ghamilx hekk, jekk persuna tara gaffa qed tigi mmaniggjata, tkun bluha li tmur preciz ma gemba jew tahtha w, jekk taghmel hekk, tkun qed tistieden l-inkwiet int stess u bir-ragun tkun bezghan ghax tkun poggejt lilek innifsek fil-perikolu. Jekk il-gaffa tkompli tinsaq b'nies vicin hafna taghha, dan se mai jista' forsi jkun jammonta ghal sewqan imprudenti jew traskurat f'**

**certi cirkostanzi jew addirittura ghal sewqan bla kont jew perikoluz imma certament mhux ghall-tentattiv t' omicidju.**

**Umbaghad dan l-incident momentanju li ddeskriva issa quddiem din il-Qorti Angelo Camilleri hu kontradett mill-versjoni tal-akkuzat u ibnu fuq riassunta w sa certu punt anki minn huh Joseph li xehed li huh Angelo ma kienx fi triqt il-gaffa meta din reggghet lura. Mhux ta' b' xejn li l-istess Prosekutur ikkonceda li l-pozizzjoni ta' Angelo Camilleri kienet pjuttost marginali fl-incident. Li hu zgur li minn din id-depozizzjoni ta' Angelo Camilleri ma rrizultax dak li tnizzel fl-okkorrenza w cioe' :-**
**"….*and instead he stopped* (Sic!) (recte "instead of stopping" ) *he drove said shovel towards us at high speed and we had to run so as not to hit us "* (Sic! , recte "so as to avoid being hit")**

**Illi umbaghad hemm ukoll dubju kemm hu attendibbli bhala xhud Angelo Camilleri meta jasal biex jixhed u jghid li lil huh Joseph qatt ma rah fuq il-gaffa, meta Joseph stess xehed li hu kien tela' fuq il-gaffa w dam jghajjat u jsabbat mat-tieqa tal-kabina ghal certu hin u ghal certa distanza li imxiet bih "abbord" il-gaffa.**

**Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda lill-Angelo Camilleri, anki jekk taccetta l-versjoni tieghu moghtija fil-kawza, ma hemmx l-element materjali li jista' bi xi mod jikkostitwixxi r-reat ta' tentattiv t' omicidju, u jekk ma taccettax il-versjoni tieghu bhala veritjiera , hemm inqas u inqas. Dwar l-element intenzjonali tar-reat l-istess Angelo jikkoncedi li *"Leli biex jaqla' r-rampa gie*** *u mhux biex isuq ghal fuqna*__*.*__ ***" u*** *"L-intenzjoni tieghu ma nafhiex."*

**Illi ghar-rigward tal-versjoni ta' Joseph Camilleri, dax-xhud jimputa lill-akkuzat li meta hu kien bejn il-gaffa u r-rampa w l-akkuzat kien ghadu diehel lejn ir-rampa, dan ma waqafx u meta l-gaffa kienet waslet xi hames, sitt piedi boghod minnu hu warrab. Il-gaffa waqfet biex jimla l-"*bucket*" wara li hu kien warrab. Mistoqsi**

**mill-Qorti kif jiddeskrivi l-velocita' tal-gaffa meta kienet riesqa lejh, hu wiegeb : "*Mhux bi speed normali ta' gaffa li qed tahdem!* ". Fuq daqshekk biss il-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-akkuza gravissima ta' tentattiv t'omicidju.**

**Issa fil-waqt li Joseph Camilleri f' dan hu kontradett mill-akkuzat u ibnu Gilbert Bonnici li jghidu li dak il-hin li nizel mill-passagg ghal gol-ghalqa l-gaffa kienet qed tinsaq b' lura w mhux tavvanza lejn Joseph Camilleri, mhux korroborat b' ebda mod f' din l-allegazzjoni mill-unika persuna ohra prezenti, huh Angelo Camilleri.**

**Anki hawn din il-versjoni ta' Joseph Camilleri hi alkwantu differenti minn dik minnu moghtija waqt il-kumpilazzjoni fejn qal testwalment hekk a fol.27 :-**

*"Nghid li waqt li kien fl-ghalqa l-imputat beda jsuq b' velocita' qawwija il quddiem u lura fid-direzzjoni ta' hija imbaghad bir-reverse gas down ghal fuqi u jiena mort hdejn ir-rampa biex nipprotegi r-rampa u l-imputat gie ghal fuqi b' velocita' qawwija u kelli nzul minn-nofs . …. L-imputat telaq gas down il barra."*

**Quddiem din il-Qorti, ghalkemm kondott mill-istess Qorti biex jixhed fid-dettall u pass, pass dwar id-dinamika ezatta tal-incident, Joseph Camilleri qatt ma semma velocita' qawwija il quddiem u lura jew sewqan "*gas down*" ghal fuqu bir-"reverse" jew sewqan "*gas down*" meta telaq minn fuq il-post. Semma biss velocita'** normali **ta' gaffa li qed tahdem.**

**Dan juri nuqqas ta' konsistenza fil-versjoni tieghu w dan hu kriterju importanti fl-evalwazzjoni tal-kredibilita' ta' xhud skond l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali , ghaliex ghalkemm hu minnu li l-artikolu 638 (b) jiddisponi li f' kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar, meta xhud li jkun kontradett,**

**mhux korroborat u inoltre ikun inkonsistenti, wiehed ma jistax facilment jibbaza konkluzzjoni ta' htija fuqu.**

**Verament ftit seta' jkun attendibbli kieku baqa' jsostni l-speed gholi tal-gaffa meta wiehed iqis li s-sellun li hemm ma kull naha tal-gaffa jigi ezatt bejn zewg roti kbar ferm, kif jidher mill-brochures esebiti, li mhux ghalkemm tghaddi minn bejnithom u titla' fuq is-sellum jekk il-gaffa tkun miexja , ahseb u ara jekk tkun miexja b' velocita' qawwija.**

**Illi umbaghad anki kieku Joseph Camilleri kellu jitwemmen fl-allegazzjoni tieghu li l-gaffa baqghet tavvanza lejh riesqa lejn ir-rampa meta hu kien bejn ir-rampa w l-gaffa, bil-fatt li meta il-gaffa kienet skondu xi sitt piedi boghod minnu , huwa warrab minn-nofs, zgur li ma jirrizultawx b' hekk l-estremi tar-reat ta' tentattiv t' omicidju.**

**Il-fatt li dan l-allegat incident wiehed ma giex segwit minn xi att iehor da parti tal-akkuzat, bhal ma hu per ezempju sewqan fit-tul kontra jew wara Joseph Camilleri  jew xi atti ta' vjolenza ohra, anzi, ghal kuntrarju, l-akkuzat b' ebda mod ma rrejagixxa ghall-fatt li Joseph Camilleri telghalu fuq il-gaffa w beda jsabbat mat-tieqa tal-kabina w jheddu w jinsolentah, jindika,  ghall-inqas zgur fuq bazi ta' probabbilta', li l-akkuzat ma kellu ebda intenzjoni aggressiva kontra Joseph Camilleri izda li l-ghan tieghu kien li jnehhi r-rampa w xejn aktar.**

**Minn dan kollu din il-Qorti tara li mid-dinamika tal-incident minn imkien ma jirrizulta li f' xi hin kien inghata bidu ghall-esekuzzjoni tar-reat ta' omicidju volontarju kontra l-ahwa Camilleri jew xi wiehed minnhom u li dan ir-reat ma sehhx minnhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu. Inoltre mill-provi zgur li ma tirrizultax xi intenzjoni specifika rikjesta mill-artikolu 211 u mill-gurisprudenza .**

**Fil-fehma tal-Qorti lanqas ma tirrizulta minghajr dubbju dettat mir-raguni l-*intenzjoni specifika* rikjesta**

**mid-dottrina w mill-gurisprudenza biex talvolta jkun jista' jirrizulta ir-reat kompriz w involut ta' tentattiv ta' offiza gravissima jew gravi, fejn il-gurisprudenza trid li jigi pruvat li l-agent kellu intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. (ara** "Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Domenic Briffa" **[App. Krim. (kolleggjali) 16.10.2003).**

**Illi umbaghad lanqas jezisti r-reat ta' tentattiv ta' offiza <u>involontarja</u> fuq il-persuna . F' dal-kaz fortunatament hadd ma wegga w anki jekk wiehed jista' koncepibbilment jipotizza al massiumu xi grad ta' sewqan imprudenti jew negligenti fis-sewqan tal-akkuzat meta kien jaf li hdejh kienu nizlu jew nizel xi hadd fl-ghalqa, dan hu reat li jaqa' taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta (L-Ordinanza dwar il-Kontroll tat-Traffiku) u l-Prosekuzzjoni ma ghamlet ebda akkuza dwar dan u ma jistax jinghad li xi reat simili hu kompriz u involut fir-reat dedott fl-Att ta' l-Akkuza. Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Rocco Abdilla et." **[28.4.1962] l-akkuzat ma jistax jinstab hati ta' reat mhux dedott kontra tieghu sakemm dak ir-reat ma jkunx wiehed izghar u kompriz u involut fir-reat dedott. (ara ukoll Vols. XXXVIII, iv. p.858 u XXVII, iv. p.1038). Dan pero' qed jintqal biss ghal grazzja tal-argument ghaliex fl-istat tal-provi, din il-Qorti ma jirrizultalhiex li seta' jigi ipotizzat xi reat taht il-Kap.65.**

**Fl-ahhar u qabel ma tghaddi ghall-parti dizpozittiva tas-sentenza, din il-Qorti trid taghmilha cara li b' ebda mod mhi qed tikkondona l-agir tal-akkuzat li, kellu jew ma kellux ragun dwar jekk setghetx issir rampa fejn saret, indubbjament dahal fi proprjeta' ta' terzi - kif accetta hu stess - u ha l-ligi b'idejh u ghamel hsara fl-istess proprjeta', fatti dawn li - kieku kien hemm akkuzi dwarhom - din il-Qorti kien ikollha tiddeciedi b'ezitu ovvju fic-cirkostanzi.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddikjara li l-akkuza kontra l-akkuzat ta' tentattiv ta' omicidju ma gietx**

**pruvata skond il-ligi w ghalhekk issibu mhux hati taghha w tilliberah minnha w , jekk l-akkuzat mhux qed jigi detenut ghal ragunijiet ohra, tordna li jigi liberat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------